Għalhekk nifirħu llum b'tislima xierqa
Lil min raħalna rabat ma' ġrajjietu
U għalenija toħroġ l-għajta mbierka,
Kburin għamiltna Andrija.

# Is-sehem tas-Soċjetà Filarmonika San Andrea fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919

Joseph A. Buġeja
B. Comm, (Hons) Econ, MBA (Maastr)

Minn żmien għal żmien aħna niġu msejħa sabiex nieħdu sehem fl-elezzjonijiet u referenda billi neżerċitaw id-dritt tal-vot tagħna. Illum nieħdu dan id-dritt li jkollna sehem fit-tmexxija ta' pajjiżna qisu kien minn dejjem. Qatt ma napprezzaw li sabiex illum ingawdu minn dan id-dritt missirijietna tant tħabtu u batew. Fost l-għaqdiet li taw sehemhom fil-lotta politika għal gvern responsabbli nsibu lis-Soċjetà San Andrea ta' Casal Luca.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin il-gvern kolonjali kien irtira l-kostituzzjoni tal-1887, li permezz tagħha l-Kunsill tal-Gvern kien jiġi elett mill-poplu. Minflok Malta ngħatat kostituzzjoni ġdida fejn il-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill tal-Gvern kienu jiġu appuntati mill-gvernatur[1]. Dan wassal għal protesti kbar li taw bidu għall-politika ta' *Astensjoniżmu*, fejn il-kandidati kienu jikkontestaw l-elezzjoni u wara li jiġu eletti kienu jirriżenjaw minnufih u għalhekk jinstigaw il-ħtieġa ta' elezzjoni oħra. Iffaċċjat b'dawn l-elezzjonijiet frekwenti, fl-1904 il-gvern kolonjali reġa' biddel il-kostituzzjoni billi daħħal klawsola li permezz tagħha ma setax issir elezzjoni qabel tliet snin. Dan wassal sabiex il-Kunsill tal-Gvern jispiċċa mingħajr l-ebda membru elett[2]. Fl-1905, fuq inizjattiva ta' Francesco Azzopardi saret sejħa sabiex titwaqqaf l-*Associazione Politica Maltese* (APM). L-għan tal-APM kien li jitwaqqaf kunsill tal-gvern alternattiv[3]. Bħal president tal-APM inħatar Filippo Sciberras. Il-ħidma tal-APM ftit tat frott u kien biss wara t-tmiem tal-ewwel gwerra, liema gwerra kienet ġabet taqlib politiku kbir fl-Ewropa, li l-Maltin saħħew ir-rieda tagħhom sabiex huma wkoll jitolbu aktar drittijiet u jkollhom gvern responsabbli. Fil-gazzetta *Il-Malta* tat-23 ta' Novembru 1918, Filippo Sciberras għamel appell sabiex tissejjaħ *Assemblea Nazzionale* sabiex titlob li pajjiżna jkollu gvern responsabbli. L-appell kien indirizzat lill-għaqdiet kostitwiti kollha ta' Malta.

L-ewwel li aderixxa kien ic-*Circolò Giovane Malta*. Din l-adezzjoni fetħet it-

triq sabiex il-korpi kostitwiti, uħud mill-kapitli tal-kolleġjati Maltin, il-partiti politiċi u numru kbir ta' għaqdiet mużikali u soċjali jaderixxu għal din is-sejħa. Fost l-għaqdiet mużikali li aderixxew insibu liċ-*Circolò Musicale San Andrea*, liema adezzjoni kienet pubblikata nhar it-30 ta' Diċembru 1918. Iċ-*Circolò San Andrea* nnomina lil Carmelo Zammit u C. Cassar (president u segretarju taċ-*Circolò*). Tajjeb li wieħed jinnota li l-adezzjoni ppubblikata fil-'Malta' tat-30 ta' Diċembru 1918 fiha żball għaliex tirreferi għall-għaqda mużikali bl-isem ta' San Andrea f'C. Curmi u mhux ta' C. Luca[4]. Indikazzjoni li dan kien żball joħroġ mill-fatt li ġewwa Ħal Qormi ma kienet teżisti l-ebda għaqda bl-isem ta' San Andrea. Sfortunatament *Il-Malta* rrepetiet dan l-isball fil-ħarġa tas-27 ta' Frar 1919. Il-konferma dokumentata li kienet l-għaqda Ħalluqija u mhux għaqda Qormija li pparteċipat fl-*Assemblea Nazzionale* tal-1919 toħroġ mil-*La Voce del Popolo* li fil-ħarġa tal-25 ta' Frar 1919 ippubblikat il-lista tad-delegati nominati u f'din il-lista nsibu lil C. Zammit u C. Cassar[5] bħala d-delegati tal-*Fil. S. Andrea Luca*.

L-ewwel laqgħa tal-*Assemblea Nazzionale* saret nhar il-25 ta' Frar 1919[6]. Waqt din il-laqgħa kienu saru dimostrazzjonijiet kbar fil-Belt b'appoġġ għat-talba għas-*self government*. It-tieni laqgħa kienet imsejħa għas-7 ta' Ġunju 1919 u folol kbar kienu daħlu l-Belt. Waqt li fil-*Giovane Malta* kienet għaddejja din it-tieni laqgħa tal-*Assemblea Nazzionale* l-folla bdiet tattakka dawk l-istabbilimenti li kellhom tperper il-bandiera Ingliża. Il-pulizija ma setgħux jikkontrollaw il-folla u kienu msejħa s-suldati li sparaw fuq il-folla u ħallew tlieta mejta u ħamsa feruti. L-irvellijiet infirxu wkoll f'ċerti rħula fejn ġew irrapurtati sakkeġġi f'Ħal Qormi, Ħal Luqa u ż-Żejtun[7].

Lord Plumer, il-gvernatur il-ġdid, wara dawn l-irvellijiet, sejjaħ lil Sciberras fil-palazz sabiex jiddiskutu kif tista' tintlaqa' t-talba tal-Maltin. Fil-laqgħa tat-8 ta'



Awwissu, li nżammet f'Villa Gourgon f'Ħal Lija, id-delegati tal-Assemblea Nazzjonali, fosthom id-delegati tas-*Soc. Musicale S. Andrea*, approvaw abbozz ta' kostituzzjoni ġdida. Fl-20 ta' Novembru 1919, il-Gvern Ingliż ħabbar li kien ser jagħti lil Malta kostituzzjoni ġdida, liema kostituzzjoni fit-12 ta' Ġunju 1920 waslet permezz tad-*Draft Letters Patent*[8].

Hekk kif sar magħruf li Malta kienet se tingħata kostituzzjoni ġdida, grupp ta' tnax-il persuna nhar il-15 ta' Ottubru 1920 b'att legali quddiem in-Nutar P. Carbonaro waqqfu l-*Camera del Lavoro*. Dawn bdew jissejħu soċi-azzjonisti. Dan il-grupp ta' tnax-il persuna mill-ewwel beda jaħdem sabiex jiġi organizzat partit politiku li jkun f'pożizzjoni li jikkontesta l-elezzjoni tal-1921. Sa Marzu 1921 dan il-grupp kien ħejja abbozz ta' statut u beda jħejji sabiex jissejjaħ kumitat ġenerali għall-15 tax-xahar. Dan il-kumitat ġenerali kellu jkun magħmul mill-membri tal-*Camera del Lavoro* u rappreżentanti tal-*unions*, għaqdiet tal-*muoto soccorso* u każini tal-baned. Mill-għaqdiet mużikali kollha ta' Malta kienu tmintax biss li aċċettaw l-istedina, fosthom il-*Filarmonica San Andrea*[9]. Kull għaqda kienet bagħtet żewġ rappreżentanti. Id-delegati tal-*Filarmonica San Andrea* kienu George Caruana u Gio Batta Caruana[10]. Id-delegati li attendew għal dan l-ewwel kumitat ġenerali, waqqfu l-Partit tal-Ħaddiema u ħatru l-uffiċjali ta' dan il-partit.

Il-Banda San Andrea ta' *C. Luca* għalhekk illum tista' tiftaħar li hekk kif fl-1886 kienet tat l-appoġġ tagħha għall-kawża nazzjonali kellha sehem ukoll fil-kisba ta' gvern responsabbli u sehem fit-twaqqif ta' wieħed miż-żewġ partiti ewlenin ta' pajjiżna.

1 Freno H; *Ir-Rieda għal Ħelsien* pġ. 52.
2 *Supra* pġ. 154.
3 *Malta* 21.xii.1905.
4 Bugeja J., 'Il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet qriema fl-Assemblea Nazionale tal-1919-1921', *Mument* 12.vi.2011.
5 Skont il-*Malta* C. Cassar kien is-segretarju tal-għaqda li ffirma l-adezjoni. Skont Jesmond Grech (*L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija Twelidha u Ġrajjietha*) f'dawk iż-żminijiet is-Sur Cassar kien it-teżorier.
6 *Malta* 24.ii.1919.
7 *Malta* 1.ix.1919: seduta tal-kummissjoni ta' inkjesta.
8 H. Frendo: 'Party Politics in a Fortress Colony': *The Maltese Experience* pġ. 172-173.
9 Bonnici G.; *Storja tal-Partit tal-Ħaddiem* pġ. 38.
10 Grech J.: *L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija Twelidha u Ġrajjietha* pġ.107.

*Matul il-ġimgħa tal-festa għandna nieħdu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-Knisja biex b'hekk din il-festa tkun vera ta' ġieħ lill-Appostlu Sant'Andrija.*